Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 73/19**
il-Lussemburgu, 13 ta’ Ġunju 2019

Stampa u Informazzjoni

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-363/18
Organisation juive européenne, Vignoble Psagot Ltd vs Ministre de l'Economie et des Finances

# L-Avukat Ġenerali Hogan: id-dritt tal-Unjoni jeħtieġ, għal prodott li joriġina minn territorju okkupat minn Iżrael sa mill-1967, l-indikazzjoni tal-isem ġeografiku ta’ dan it-territorju u, fejn ikun il-każ, l-indikazzjoni li l-prodott ġej minn insedjament Iżraeljan

Fl-24 ta’ Novembru 2016, filwaqt li rrifera għar-Regolament dwar l-għoti ta’ informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi[1] (iktar ’il quddiem ir-“Regolament”), il-Ministru Franċiż għall-Ekonomija u l-Finanzi ppubblika avviż lill-operaturi ekonomiċi dwar l-indikazzjoni tal-oriġini ta’ oġġetti li joriġinaw minn territorji okkupati minn Iżrael sa mill-1967. L-avviż speċifika li “oġġetti tal-ikel mit-territorji okkupati minn Iżrael għandhom (għalhekk) jiġu ttikkettati sabiex jirriflettu din l-oriġini” u rrikjeda li prodotti li jkollhom din l-orġini jinkludu t-termini “insedjament Iżraeljan” jew termini ekwivalenti.

Permezz ta’ żewġ rikorsi, l-Organisation juive européenne u Psagot (kumpannija li tispeċjalizza fil-ġestjoni ta’ vinji li jinsabu b’mod partikolari fit-territorji okkupati minn Iżrael) talbu l-annullament tal-avviż kontenzjuż quddiem il-Conseil d’État (il-Kunsill tal-Istat, Franza).

Il-Conseil d’État iqis li l-kompatibbiltà tal-avviż Franċiż mad-dritt tal-Unjoni tiddependi fuq jekk dan tal-aħħar jirrikjedix, għal prodott li joriġina f’territorju okkupat minn Iżrael sa mill-1967, indikazzjoni ta’ dan it-territorju u indikazzjoni li l-prodott joriġina minn insedjament Iżraeljan jekk dan ikun il-każ, jew, jekk le, jekk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jippermettux lil Stat Membru jirrikjedi li tali prodotti għandhom iġorru tali tikketti. Għalhekk huwa rrefera l-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fil-konklużjonijiet tal-lum, l-Avukat Ġenerali Gerard Hogan eżamina qabelxejn it-tifsira tat-termini “pajjiż ta’ oriġini” u “post ta’ provenjenza” fid-dawl tar-Regolament. L-Avukat Ġenerali jikkonkludi li filwaqt li “pajjiż ta’ oriġini” jirreferi b’mod ċar għall-ismijiet tal-pajjiżi u l-baħar territorjali tagħhom, skont ir-Regolament il-“post ta’ provenjenza” ta’ oġġett tal-ikel jiġi ddeterminat bi kliem li ma humiex neċessarjament limitati għall-isem taż-żona ġeografika kkonċernata, speċjalment, fejn l-użu tal-indikatur ġeografiku waħdu jista’ jwassal għal interpretazzjoni żbaljata.

Fid-dawl ta’ dawn id-definizzjonijiet, l-Avukat Ġenerali jistaqsi jekk l-assenza tal-indikazzjoni tal-oriġini jew post ta’ provenjenza ta’ oġġett tal-ikel li joriġina minn territorju okkupat minn Iżrael tistax tiżgwida lill-konsumatur. F’dan ir-rigward l-Avukat Ġenerali jikkunsidra l-kriterji elenkati fir-Regolament li x’aktarx jinfluwenzaw l-għażla tal-konsumaturi, prinċipalment, kunsiderazzjonijiet ta’ saħħa, ekonomiċi, ambjentali, soċjali u etiċi. L-Avukat Ġenerali jinnota li l-konsumatur medju huwa wieħed raġonevolment informat sewwa, u raġonevolment attent u prudenti, fir-rigward tal-oriġini, tal-provenjenza u tal-kwalità assoċjati mal-oġġett tal-ikel u jargumenta li ma jistax jiġi eskluż li s-sitwazzjoni ta’ territorju okkupat minn potenza — iktar u iktar meta okkupazzjoni territorjali tkun akkumpanjata minn insedjamenti — hija fattur li jista’ jkun importanti għall-għażla ta’ konsumatur li jkun raġonevolment informat sewwa, u raġonevolment attent u prudenti, f’kuntest fejn, skont ir-Regolament, differenzi fil-perċezzjonijiet tal-konsumaturi u l-bżonnijiet ta’ informazzjoni tagħhom għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, inklużi kunsiderazzjonijiet etiċi.

[1] Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 dwar l-għoti ta’ informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi. (ĠU 2011 L 304, p. 18, u corrigendum ĠU 2016 L 266, p. 7.)

Fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, ir-riferiment għal “kunsiderazzjonijiet etiċi” fil-kuntest tat-tikkettar tal-pajjiż ta’ orġini huwa kjarament riferiment għal dawk il-kunsiderazzjonijiet etiċi iktar wiesgħa li jistgħu jkunu ta’ informazzjoni għall-ħsieb ta’ ċerti konsumaturi qabel ma jixtru. Bħalma ħafna konsumaturi Ewropej oġġezzjonaw għax-xiri ta’ oġġetti tal-Afrika t’Isfel fiż-żmien tal-apartheid ta’ qabel l-1994, il-konsumaturi tal-lum jistgħu joġġezzjonaw, għal raġunijiet simili, għax-xiri ta’ oġġetti minn pajjiż partikolari minħabba, pereżempju, li tali pajjiż ma jkunx demokrazija jew minħabba li jsegwi linji ta’ politika u soċjali li dan il-konsumatur isibhom oġġezzjonabbli jew saħanstira jistmerrhom.

L-Avukat Ġenerali jinnota għalhekk li, fil-kuntest tal-politiki Iżraeljani vis-à-vis it-Territorji Okkupati u l-Insedjamenti, jista’ jkun hemm konsumaturi li joġġezzjonaw għax-xiri ta’ prodotti li joriġinaw minn dawn it-territorji. Huwa jżid li huwa pjuttost suffiċjenti li wieħed jgħid li ksur tad-dritt internazzjonali jikkostitwixxi t-tip ta’ kunsiderazzjoni etika li l-leġiżlatura tal-Unjoni rrikonoxxiet li hija leġittima fil-kuntest tar-rekwiżit ta’ informazzjoni dwar il-pajjiż ta’ oriġini.

F’dan ir-rigward, l-Avukat Ġenerali Hogan jirreferi għal diversi strumenti internazzjonali[2] qabel ma jikkonkludi li l-politika Iżraeljana dwar l-insedjamenti hija meqjusa bħala ksur manifest tad-dritt internazzjonali, b’mod partikolari fuq il-bażi tad-dritt tal-popli għal awtodeterminazzjoni. Huwa jżid li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet hija stess fis-sentenza *Brita*[3] l-ħtieġa li ssir distinzjoni ċara bejn prodotti li joriġinaw mit-territorju ta’ Iżrael u dawk li joriġinaw mix-Xatt tal-Punent.

F’dawn iċ-ċirkustanzi l-Avukat Ġenerali jirrimarka li ma huwiex sorprendenti li xi konsumaturi jistgħu jqisu dan il-ksur manifest tad-dritt internazzjonali bħala kunsiderazzjoni etika li tinfluwenza l-preferenzi tal-konsum tagħhom u li fir-rigward ta’ dan huma jistgħu jeħtieġu iktar informazzjoni. Għalhekk huwa jikkonkludi **li l-assenza tal-indikazzjoni tal-pajjiż ta’ oriġini jew tal-post ta’ provenjenza ta’ prodott li joriġina minn territorju okkupat minn Iżrael u, fi kwalunkwe każ, kolonja insedjata, tista’ tiżgwida lill-konsumatur fir-rigward tal-pajjiż ta’ oriġini jew tal-post ta’ provenjenza tal-ikel veru**.

L-Avukat Ġenerali jkompli jinnota, fir-rigward tal-estent tal-obbligu ta’ indikazzjoni tal-oriġini ta’ ikel li joriġina minn territorju okkupat minn Iżreal sa mill-1967, li r-Regolament jirrikjedi li l-konsumatur ikollu informazzjoni korretta, newtrali u oġġettiva li ma tiżgwidahx. Fost il-fatturi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk it-tikkettar inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistax jiżgwida, l-okkupazzjoni Iżraeljana u l-insedjamenti jistgħu jkunu “fattur oġġettiv li jista’ jaffettwa l-aspettattivi tal-konsumatur raġonevoli”. F’dan id-dawl, l-Avukat Ġenerali jqis li ż-żieda tat-termini “insedjamenti Iżraeljani” flimkien mal-identifikazzjoni ġeografika tal-oriġini tal-prodotti hija l-uniku mod li bih tista’ tingħata informazzjoni lill-konsumatur li tkun korretta u oġġettiva iżda wkoll preċiża, ċara u li tinftiehem faċilment.

Għalhekk, l-Avukat Ġenerali jikkonkludi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi li **d-dritt tal-Unjoni jirrikjedi għal prodott li joriġina minn territorju okkupat minn Iżrael sa mill-1967, l-indikazzjoni tal-isem ġeografiku ta’ dan it-territorju u l-indikazzjoni li l-prodott joriġina minn insedjament Iżraeljan jekk dan ikun il-każ.**

L-Avukat Ġenerali mbagħad jikkunsidra t-tieni domanda, li hija sussidjarja, dwar, prinċipalment, jekk id-dritt tal-Unjoni jippermettix lill-Istati Membri jintroduċu miżuri nazzjonali b’dettalji mandatorji addizzjonali, bħal jekk Stat Membru jistax hu stess jirrikjedi indikazzjoni tat-territorju ta’ prodott li joriġina minn territorju okkupat minn Iżrael sa mis-sena 1967 u, barra minn hekk, li dan il-prodott joriġina minn insedjament Iżraeljan jekk dan ikun il-każ.

F’dan il-kuntest, l-Avukat Ġenerali Hogan jirreferi għar-Regolament li jistipula li miżuri nazzjonali dwar l-indikazzjoni mandatorja tal-pajjiż ta’ oriġini jew post ta’ provenjenza ta’ oġġetti tal-ikel huma awtorizzati biss fejn ikun hemm “rabta ppruvata bejn ċerti kwalitajiet tal-ikel u l-oriġini jew il-provenjenza tiegħu”, u jikkonkludi li taħt din id-dispożizzjoni partikolari tar-Regolament ma huwiex

[2] Legal Consequences of the Construction of a Wall in the Occupied Palestinian Territory, Advisory Opinion, I.C.J. Reports 2004, p. 136 (paragraph 120).
[3] Case C-386/08 Brita v Hauptzollamt Hamburg-Hafen, see also Press Release No 14/10

sufficjenti li l-pajjiż ta' oriġini jew il-post ta' provenjenza għandu, bħala tali, ċerta importanza fid-deċiżjoni tal-konsumaturi. Għall-kuntrarju, sa fejn din id-dispożizzjoni partikolari hija kkonċernata, il-pajjiż ta' oriġini jew il-post ta' provenjenza għandu jkollu impatt tanġibbli fir-rigward tal-prodott innifsu u, b'mod partikolari, il-kwalità tal-ikel inkwistjoni.

L-Avukat Ġenerali jinnota li l-fatt li territorju huwa okkupat minn potenza jew li oġġett tal-ikel partikolari huwa prodott minn persuna li tgħix f'insedjament ma huwiex mistenni li jagħti jew jibdel ċerti kwalitajiet tal-oġġett tal-ikel fir-rigward tal-oriġini jew il-provenjenza tiegħu, tal-inqas sa fejn huma kkonċernati l-prodotti tal-ikel li joriġinaw mit-Territorji Okkupati.

Għalhekk, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma taċċettax l-analiżi tiegħu dwar l-ewwel domanda, l-Avukat Ġenerali Hogan jipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi **li l-Istati Membri ma għandhomx jirrikjedu għall-finijiet tar-Regolament l-indikazzjoni tat-territorju ta' prodott li joriġina minn territorju okkupat minn Iżrael sa mill-1967, lanqas li tali prodott joriġina minn insedjament iżraeljan.**

---

**NOTA:** Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawżi li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

**NOTE:** Rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati u lit-tribunali tal-Istati Membri, f'tilwimiet miġjuba quddiemhom, li jagħmlu domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea jew il-validità ta' att tal-Unjoni Ewropea. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix t-tilwima nnifisha. Hija l-qorti jew it-tribunal nazzjonali li jiddisponi mill-każ skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, li torbot ukoll lil qrati jew tribunal nazzjonali oħra li quddiemhom tqum kwistjoni simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tal-konklużjonijiet jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Rittratti tal-għoti tal-konklużjonijiet disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*